MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 576/2012

**Emanuel Sultana**
**K.I. 815751(M)**

**vs.**

**Fabio Laurie u Adelia konjuġi Cauchi**
**K.I. 67191(M) u 216371(M) rispettivament**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2012,
li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' tlett elef Ewro (€3000.00) rappreżentanti xogħol ta' tqattigħ u tqegħid ta' pajpijiet tad-dawl u tal-ilma u xogħol anċillari ieħor ġewwa l-fond 256, "Ave Maria",

Swieqi Road St.Andrews, Swieqi matul il-perjodu Lulju 2011 sa Ottubru 2011;

Għaldaqstant l-attur qiegħed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati iħallsuh is-somma ta' €3,000.00 bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 4 ta' Mejju 2012 numerata 1000/12, tal-preżenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imgħax kummerċjali kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta tal-konvenut Fabio Laurie Cauchi** ippreżentata fl-4 ta' Frar 2013, fejn huwa eċċepixxa:

Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża ;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi l-konvenuta Adelia Cauchi, minkejja li debitament notifikata, ma ppreżentatx ir-risposta tagħha, u lanqas ma dehret quddiem dana t-Tribunal; izda fil-verbal tal-4 ta' Frar 2013, id-difensur tagħha iddikjarat illi l-istess Adelia Cauchi qed iserraħ fuq ir-risposta preżentata mill-konvenut, u li din ir-risposta għandha tiġi kkunsidrata bħala r-risposta taż-żewġ konvenuti.

Ra illi l-konvenut minkejja li ppreżenta l-affidavit tiegħu ma kienx deher quddiem it-Tribunal fis-seduta ntiża għall-kontro-eżami tiegħu u li għalhekk it-Tribunal kien ordna l-isfilz tal-affidavit tiegħu.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra l-verbal tas-27 ta' Settembru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Provi**

Illi l-attur xehed illi huwa kien ġie nkarigat mill-konvenuti sabiex ibiddel is-sistemi tad-dawl u l-ilma fil-fond propjeta' tal-konvenuti fis-Swieqi. Huwa beda x-xogħol f'Lulju 2011 u lesta lejn l-aħħar ta' Settembru 2011 u għalhekk dam jaħdem fil-post xahrejn u nofs mit-Tnejn sas-Sibt.

Huwa spjega illi x-xogħol kien jikkonsisti fost l-oħrajn illi jaqla' s-sistema ta' dawl u ilma antika li kien hemm fuq il-post u minflok jinstalla sistema aktar moderna. L-inkarigu tiegħu kien jinkludi wkoll it-tqattigħ tat-trinek, tpoġġija ta' pajpijiet tad-dawl u l-ilma, inkluż il-wiring u l-plakek, l-armar tas-settijiet taż-żewġ kmamar tal-banju.

Spjega wkoll illi meta huwa ppreżenta l-kont lill-konvenut dan kien qallu li m'għandux mnejn iħallsu għax kellu problema ta' flus u wkoll li permezz ta' messaġġ kien wiegħdu li ser jibda jħallsu fi żmien xahrejn iżda dan ma seħħx.

## Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal jikkunsidra li x-xiehda tal-attur ma ġiet bl-ebda mod kontradetta u li għaldaqstant għandha tiġi emmnuta.

## Deċide

Għaldaqstant, peress li t-talba attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal qiegħed jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' tlett'elef Ewro (€3000), bl-imgħax dekorribbli mit-22 t'Awwissu 2012 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, ikunu a karigu tal-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------